MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta tas-26 ta' Settembru, 2007

Numru 149/2007

**Il-Pulizija**
**(Spettur Kevin Borg)**

**vs**

**Mario Celeste**
**Kenneth Debattista**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni li permezz taghha Mario Celeste ta’ 38 sena, iben L’Paul u L’Catherine nee’ Zerafa, imwieled Pieta, fit-08 ta’ Novembru 1968, u li joqghod 140/7, St. Nicholas Street, Valletta. Detentur tal-Karta ta’ l-Identita’ bin-numru 505768M.

Kenneth Debattista ta’ 29 sena, iben Carmel u Carmen nee’ Caruana, imwieled Pieta’, fit-12 ta’ April 1977, u li joqghod 5, ‘Kennedy Court’, Birbel street, Qawra. Detentur tal-Karta ta’ l-Identita bin-numru 215477(M) gew akkuzati talli:

F’dawn il-Gzejjer, u cioe’ fil-perjodu bejn 1 ta’ Jannar 2006 u it-30 ta’ Marzu 2006, sabiex jiksbu xi vantagg jew beneficcju ghalihom innifishom jew ghal haddiehor, f’xi dokument mahsub ghal xi awtorita’ pubblika, xjentement ghamlu dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew taw taghrif falz;

(Dan bi ksur ta’ l-Artikoli 188 u 189 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta)

Fl-ewwel lok tirrileva li fil-Verbal tas-Seduta tallum l-imputati ddikjaraw li m’ghandhomx htiega li jkunu assistiti minn avukat.

Il-Qorti spjegat lill-imputati dwar id-dritt taghhom li jkunu assistiti minn avukat.

L-imputati kkonfermaw li m’ghandhomx htiega li jkunu assistiti minn avukat.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Rat il-Kunsens tal-Avukat Generali esebit bhala Dok. KB5 u nnutat li l-imputati m’ghandhomx oggezzjoni li l-kaz taghhom jigi trattat bi procedura sommarja.

Innutat li l-imputati fl-ezami taghhom wiegbu li huma hatja tal-akkuza  migjuba kontra taghhom.

Il-Qorti wissiet lill-imputati bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni taghhom u taghthom ftit taz-zmien sabiex jiddeciedu jekk jikkonfermawx l-ammissjoni taghhom jew le, u wara li gew mistoqsija jekk jikkonfermawx l-ammissjoni taghhom jew le, l-imputati regghu wiegbu li huma hatja tal-akkuza migjuba kontra taghhom.

Innutat li fil-Verbal tas-Seduta tallum l-Ufficjal Prosekutur iddikjara li l-imputati kkoperaw bis-shih mal-Pulizija u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz l-istess Ufficjal Prosekutur issottometta li ma jkunx opportun li l-imputati jinghataw piena karcerarja.

Rat fil-konfront taz-zewg imputati l-artikolu 188 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Issib lill-imputat Mario Celeste, fuq ammissjoni, hati tal-akkuza migjuba kontra tieghu u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluzi l-fatt li l-imputat Mario Celeste ammetta fi stadju bikri tal-kawza u dak dikjarat mill-Ufficjal Prosekutur fil-Verbal tas-Seduta tallum u riportat aktar qabel f'din is-Sentenza, tillibera lill-istess imputat Mario Celeste taht il-Provvediment tal-Artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien tlett (3) snin millum.

Issib lill-imputat Kenneth Debattista, fuq ammissjoni, hati tal-akkuza migjuba kontra tieghu u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluzi l-fatt li l-imputat Kenneth Debattista ammetta fi stadju bikri tal-kawza, il-fedina penali netta tal-imsemmi imputat u dak dikjarat mill-Ufficjal Prosekutur fil-Verbal tas-Seduta tallum u riportat aktar qabel f'din is-Sentenza, tillibera lill-istess imputat Kenneth Debattista taht il-Provvediment tal-Artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sentejn (2) millum.

Finalment il-Qorti qed taghti lill-imputati Mario Celeste u Kenneth Debattista l-ispjegazzjoni preskritta fis-sub-artikolu 22(3) tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------